**QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**ONOR. IMHALLEF MARK CHETCUTI LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 6 ta' Marzu 2018**

Numru 6

**Rikors Guramentat Nru. 36/2018**

**Bank of Valletta p.l.c.**
**vs**
**Maurizio u Jacqueline mizzewgin Jacono**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat tal-bank attur tal-10 ta' Jannar 2018 li jghid hekk:

1. Illi bit-termini u l-kundizzjonijiet imsemmija fil-kuntratt datat 6 ta' Ottubru 2009, in atti Nutar Dottor Reuben Debono (Dok. "A") u fl-iskrittura privata datata 14 ta' Lulju 2009 (Dok. "B"), is-socjeta attrici ikkoncediet facilitajiet bankarji lil Maurizio u Jacqueline mizzewgin Jacono;

2. Illi s-socjeta attrici tinsab kreditrici tal-konvenuti Maurizio u Jacqueline mizzewgin Jacono fis-somma ta' hamsa u tletin elf, erba' mija u erbatax-il ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€35,414.24) bilanc ghad-debitu fl-"Overdraft Account" ta' Maurizio u Jacqueline mizzewgin Jacono mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok."C1 sa C3") flimkien mal-imghax ulterjuri mid-19 ta' Dicembru 2017 sad-data tal-effettiv pagament;

3. Illi l-attrici nomine taf bil-fatti fuq imsemmija personalment.

4. Illi l-konvenuti Maurizio u Jacqueline mizzewgin Jacono gew interpellati permezz ta' zewg ittri ufficjali datati 5 ta' Frar 2016 (Dok. "D"). u 14 ta' Gunju 2017 (Dok. "E") sabiex jithallas id-dejn fuq imsemmi, izda huma baqghu inadampjenti u ghal din ir-raguni kellha ssir din il-kawza.

Ghaldaqstant, wara li jsiru d-dikjarazzjonijiet necessarji u li jinghataw il-provvedimenti opportuni, jghidu l-konvenuti ghaliex ma ghandhiex din il-Qorti tilqa' t-talbiet tas-socjeta attrici li qeghda hawn titlob li din il-Qorti joghgobha:

1. Tikkundanna lil Maurizio u Jacqueline mizzewgin Jacono jhallsu flimkien u in solidum bejniethom lis-socjeta attrici s-somma ta' hamsa u tletin elf, erba' mija u erbatax-il ewro u erbgha u ghoxrin centezmu (€35,414.24) bilanc ghad-debitu fl-"Overdraft Account" ta' Maurizio u Jacqueline mizzewgin Jacono mal-Bank of Valletta p.l.c. (Dok. "C1 sa C3") flimkien mal-imghax ulterjuri mid-19 ta' Dicembru 2017 sad-data tal-effettiv pagament.

Bl-ispejjez komprizi dawk taz-zewg ittri ufficjali datati 5 ta' Frar 2016 u 14 ta' Gunju 2017 u tal-Mandat ta' Sekwestru li qed jigi pprezentat kontestwalment kontra l-konvenuti li huma ingunti minn issa sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

Rat il-lista tax-xhieda u dokumenti tal-bank attur;

Rat in-nota tal-bank attur tal-5 ta’ Marzu 2018 fejn irriduca l-ammont tat-talba tieghu ghal €17,615.61;

Rat in-nota ta’ ammissjoni tal-5 ta’ Marzu 2018 fejn il-konvenuti ammettew it-talbiet attrici kif indikata fin-nota ta’ riduzzjoni tal-bank attur.

**Decide**

Il-Qorti qed tiddisponi mill-kawza billi tilqa’ t-talbiet attrici u tikkundanna lil konvenuti Maurizio u Jacqueline mizzewgin Jacono flimkien u in solidum bejniethom jhallsu lil-bank attur is-somma ta' €17,615.61 bilanc ghad-debitu fl-"Overdraft Account" tal-istess konvenuti skont it-talbiet u dokumenti esebiti, flimkien mal-imghax ulterjuri mit-23 ta' Frar 2018 sad-data tal-effettiv pagament. Spejjez ghall-kovenuti.

Onor. Mark Chetcuti LL.D.
Imhallef

Anne Xuereb
Deputat Registratur